GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU, TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITA'

# Ċirkulari

Ref: DCLE 05/2026

From: Sur Jude Zammit, Director General (DCLE)

To: Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi, Kapijiet tal-Iskejjel Primarji, Medji u Sekondarji tal-Istat, tal-Knisja, Indipendenti u *ilearn users*

Subject: **Summer Catch-Up Classes 2026 – Applikazzjonijiet għall-istudenti**

Date: 13 ta' April 2026

---

## Summer Catch-Up Classes 2026 - Applikazzjonijiet għall-istudenti

### Ħarsa Ġenerali

L-għan tas-Summer Catch-Up Programme 2026 huwa li jgħin lill-istudenti li jeħtieġu ftit aktar għajnuna u reviżjoni fl-istudji tagħhom. Dan il-programm jagħti ukoll opportunità ta' reviżjoni lil dawk li jixtiequ jirrevedu u jħossuhom aktar kunfidenti matul is-sena skolastika. Il-programm huwa maħsub għall-istudenti mill-1 sal-10 sena u huwa miftuħ għall-istudenti kollha ta' Malta u Għawdex.

Il-Catch-Up Classes jipprovdu opportunità ta' reviżjoni fis-suġġetti ewlenin li jkunu saru matul is-sena skolastika preċedenti. Dawn il-lezzjonijiet qed jiġu provduti u mgħallma minn għalliema kwalifikati lill-istudenti kollha fi gruppi żgħar kemm f'livell primarju kif ukoll f'dak sekondarju. Il-programm huwa mifrux fuq tmien ġimgħat mit-13 ta' Lulju sat-3 ta' Settembru, erba' darbiet fil-ġimgħa.

### X'se tikseb

Is-**Summer Catch-Up Programme 2026** huwa inizjattiva f'forma ta' lezzjonijiet fiżikament u online maħsuba biex tappoġġja lill-istudenti mill-Year 1 sal-Year 10 permezz ta' reviżjoni u biex jgħinhom jiksbu aktar kunfidenza fl-istudji tagħhom. Il-programm huwa mifrux fuq tmien ġimgħat.

## 📅 Tul tal-Programm

- **Dati:** It-Tnejn, 13 ta' Lulju – Il-Ħamis, 3 ta' Settembru 2026
- **Skeda:** Mit-Tnejn sal-Ħamis għal 8 ġimgħat konsekuttivi

## 🕘 Ħinijiet tal-Ftuħ taċ-Ċentri

- **Ċentri Primarji**: 9:00 ta' filgħodu – 12:00 ta' nofsinhar
- **Ċentri Sekondarji**: 8:45 ta' filgħodu – 12:30 ta' nofsinhar

## 🏫 Ċentri Fiżiċi (In-Person Centres)

**Primarji (Mill-1 sena sas-6):**

1. Skola Primarja Marsascala (San Ġwakkin)
2. Skola Primarja Raħal Ġdid (Paola)
3. Skola Primarja Kirkop
4. Skola Primarja Santa Venera
5. Skola Primarja Mosta (Ex Lily of the Valley)
6. Skola Primarja San Ġwann
7. Skola Primarja Rabat Għawdex

**Sekondarji (Mis-7 sal-10 sena):**

8. Skola Sekondarja Kirkop
9. Skola Sekondarja Mrieħel
10. Skola Sekondarja Mosta (Ex Lily of the Valley)

## 💻 Ċentri Virtwali (Online)

- Skola Primarja Virtwali (Mill-1 sena sas-6)
- Skola Sekondarja Virtwali (Mis-7 sal-10 sena)

## 👩‍🏫 Għalliema Kwalifikati

Il-lezzjonijiet jingħataw minn **għalliema kwalifikati** u **li għandhom warrant tat-tagħlim**.

### 📚 Suġġetti Offruti

L-istudenti se jkopru dawn is-suġġetti:

- **Matematika, Malti, Ingliż, Xjenza, Fiżika, ICT, Edukazzjoni Fiżika (P.E.), u Arti**.

### 📝 Kif għandek tapplika

- L-applikazzjonijiet jiġu pproċessati fuq bażi ta' **min japplika l-ewwel**.
- Ladarba l-klassijiet jimtlew, l-istudenti se jiġu **poġġuti fuq lista ta' stennija** u jiġu kkuntattjati skont il-possibbiltà ta' post.
- Il-programm huwa **bla ħlas**.

## Eliġibilità

• Miftuħ għall-istudenti minn skejjel tal-Istat, knisja u indipendenti

• Kull applikazzjoni tiġi evalwata fuq il-merti individwali tagħha, b'referenza għall-IEP tal-istudent u għal kwalunkwe kontribuzzjoni rilevanti.

• Kull deċiżjoni li applikazzjoni tiġi rrifjutata tkun sostnuta b'ġustifikazzjoni bil-miktub li tkun speċifika għall-każ individwali.

## Kif Tapplika

L-applikazzjonijiet jistgħu jsiru **online** permezz tal-link hawn taħt:

👉 https://workflow.gov.mt/eservice/S11513?language=en

*L-applikazzjonijiet jiġu aċċettati fuq bażi ta' min japplika l-ewwel, jinqeda l-ewwel. Jekk jogħġbok innota li s-sottomissjoni ta' applikazzjoni ma tiggarantixxix awtomatikament l-aċċettazzjoni fil-programm. L-applikazzjonijiet kollha se jiġu riveduti, u l-ġenituri jiġu kkuntattjati kif xieraq dwar ir-riżultat.*

Jude Zammit
Direttur Ġenerali